# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU 2127

Każ Nru 2807/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Godfrey Zammit

u

Chef Choice Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data: 22 ta' Frar 2012

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie ntavolat mill-Avukat Ian Spiteri Bailey fil-11 ta' Ġunju 2010 f'isem Godfrey Zammit fejn ġie allegat li dan kien ġie liċenzjat illegalment minn mas-Soċjetà Chef Choice Ltd fit-22 ta' Marzu 2010. Is-Soċjetà Ntimata, li kienet rappreżentata minn Joseph Mizzi, *Managing Director*, assistit mill-Avukat Kris Borg, innegat dan. Inżammu għaxar seduti.

A tenur ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad illi minħabba n-numru ta' xhieda kif ukoll id-diversi differimenti li ntalbu ma kienx possibbli li l-każ jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

**2 Fatti tal-Każ**

Ir-Rikorrent, li kien jaħdem bħala *Deli Counter Supervisor*, ġie liċenzjat għaliex skond is-Soċjetà Ntimata kien jinjora ordnijiet dwar l-indafa, jonqos li jilbes ingwanti kif jinħtieġ mir-regoli tas-sanità, kien jieħu *breaks* mingħajr awtorizzazzjoni, ma kienx jirrota l-prodotti skond il-prinċipju ta' *last in last out*, ma kienx jipprepara biżżejjed tieġieġ misjurin tant li

wara li telaq il-bejgħ żdied, kien hemm diversi lmenti minn klijenti dwar l-atteġġjament tiegħu, kien inaqqar l-ikel kontra kull direttiva tal-kumpanija, kien jerfa' mix-xogħol qabel il-ħin u ma kienx iservi lill-klijenti xi kwarta qabel jagħlaq il-ħanut u nuqqasijiet oħra li ġiegħlu lill-Kumpanija titterminalu l-impieg tiegħu.

Ir-Rikorrent jinnega dan u jgħid li dana kollu ma kienx minnu anzi tant hu kien effiċjenti u jmur tajjeb mal-klijenti li dawn kienu jistinkaw biex jaqdihom hu u fil-Milied kienu jġibulu rigali. Jgħid li kien hemm razzjonar ta' l-ingwanti u meta għamel l-iżball li ħalla kwantità ta' ġobon jiskadi ħallas minn butu stess il-prezz relattiv. Jgħid li kien iżomm il-post tajjeb ħafna għax kien jikkunsidrah bħala tiegħu tant li kien jieħu l-briga li fil-Milied, fil-Karnival u fl-Għid kien iżejjen id-*Deli Counter* minn butu stess. Jallega li l-liċenzjament tiegħu sar biex is-Soċjetà tkompli teħles min-nies peress li kien qed jonqos sewwa x-xogħol kawża ta-xogħolijiet li kienu qed isiru quddiem l-istabbiliment.

**3. Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal kellu quddiemu kuntrast bejn żewġ gruppi ta' xhieda għaliex waqt li parti kienet tgħid mod il-parti l-oħra tgħid l-oppost. Għaldaqstant it-Tribunal ried jiddeduċi l-verità permezz ta' studju bir-reqqa ta' dak li stqarrew ix-xhieda kif ukoll il-kredibiltà o meno tagħhom. Jirriżulta qabel xejn li dan ma kienx każ ta' riżenja. Qed jingħad dan peress li r-Rikorrent waqt xi diskussjoni li kellu kien stqarr li jekk ma jriduhx jitlaq u jista jagħti in-*notice*. It-Tribunal qed jiskarta għal kollox li dan kien ta r- riżenja tiegħu. L-ewwel nett anke fit-*termination notice* is-Soċjetà kienet nizzlet *dismissed on disciplinary grounds* u mhux riżenja. Oltre dan it-Tribunal kemm il-darba stqarr li peress li riżenja kienet deċiżjoni serja ħafna fil-ħajja lavorattiva ta' ħaddiem din riedet tkun limpida u ċara u ċertament univoka. Dana ma seħħx f'dan il-każ li għalhekk qed jiġi trattat bħala liċenzjament. Intqal ukoll li r-Rikorrent kien ġie mwissi diversi drabi. Hawnhekk ikun floku li t-Tribunal kif qal f'diversi okkażjonijiet jerġa jtenni li twissija trid tkun konformi ma' ċerti kriterji fosthom dik li l-ħaddiem jiġi nfurmat li jekk jerġa jonqos jipperikola l-istess *job* tiegħu. Għaldaqstant kelma ta' twissija jew tbeżbiża zgħira jew suġġeriment kif għandu jġib ruħu ma jistgħux jitqiesu fis-sens ta' *warning*. Irid jingħad ukoll illi twissijiet kemm bil-miktub kif ukoll bil-fomm għandhom l-istess piż. Iżda meta miktubin ikunu ċari waqt li bil-fomm ikun ftit diffiċli biex wieħed jippruvahom għaliex kif jingħad *scripta manent verba volant*. Dana qed jingħad għaliex waqt is-smiegħ is-Soċjetà Ntimata tgħid li tat diversi twissijiet lir-Rikorrent waqt il-ħajja lavorattiva tiegħu kollha, ħlief waħda, bil-fomm.

Waqt is-smiegħ tal-każ it-Tribunal sama' numru ta' xhieda li bażikament, barra minn Joe Mizzi, r-Rikorrent u Sina Borg, kienu jinqasmu fi tnejn viz. numru ta' impjegati tas-Soċjetà Ntimata u tliet xhieda imtellgħin mir-Rikorrent. Dawn kollha xhedu dwar il-komportament tar-Rikorrent waqt l-impieg li kellu. Ta' l-ewwel elenkaw l-allegati nuqqasijiet tiegħu waqt li

l-oħrajn faħħru l-imġieba tiegħu. Ma hemmx dubju li t-Tribunal kellu jiżen il-kredibiltà ta' dawn ix-xhieda, x'interess seta kellhom u jagħti ġudizzju skond il-bilanċ ta' probabbiltà.

Jinfluwenza ħafna lit-Tribunal il-fatt li r-Rikorrent kien ingħata sa l-aħħar tas-sena qabel ma ġie liċenzjat il-*full performance bonus*. Jekk hu kien ħati ta' dak kollu li ġie addebitat bih kif instemgħa minn diversi xhieda għaliex ma ġiex imnaqqas lilu jew addirittura imċaħħad mill-istess *bonus*? Jista jagħti l-każ li meta ġie deċiż li jilliċenzjaw lir-Rikorrent ġabru flimkien l-allegati nuqqasijiet li jgħidu li saru matul ċertu żmien biex jibnu każ kontrih li jiġġustifika t-tkeċċija tiegħu? Jidher ukoll illi kien hemm xi nuqqasijiet da parti tar-Rikorrent li ammettihom hu stess iżda ġġustifika ruħu bħal per eżempju l-każ ta' dik il-mara li ssuppervjat għax ma kienx baqa' tiġieġ (seduta 13 ta' April 2011 fol 32) kif ukoll il-fatt li ġieli ma kienx liebes l-ingwanti. Iżda fil-ġudizzju tat-Tribunal dana kollu ma jammontax għal raġuni ġusta biex ir-Rikorrent jitkeċċa.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li t-tkeċċija tar-Rikorrent Godfrey Zammit minn mas-Soċjetà Ntimata Chef Choice Limited ma kienitx għal raġuni ġusta u sufficjenti.

**5, Kumpens**

It-Tribunal Industrijali jillikwida l-kumpens dovut lil Godfrey Zammit minn Chef Choice Ltd fl-ammont ta' €6000 li nofshom iridu jitħallsu immedjatament u n-nofs l-ieħor mhux iktar tard mill-31 ta' Marzu 2012.

B'hekk jintemm dan il-każ.

**6. Drittijiet**

Għall-iskop ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 it-Tribunal jiffissa d-drittijiet pagabbli lil min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

I

ffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

Ghas-Segretarju